INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 5(2)

Twaqqif ta' Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT)

(Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19))

(2023/C 30/08)

I. 1) **Isem, indirizz u kuntatt:**

Isem reġistrat: Európske zoskupenie územnej spolupráce Veľká Morava s ručením obmedzeným

Uffiċċju reġistrat: Starohájska 10, 917 01 Trnava, SR

Kuntatt: Július Fekiač (Direttur)

I. 2) **Tul ta' żmien tar-raggruppament:**

Tul ta' żmien tar-raggruppament: indefinit

Data tar-reġistrazzjoni: 30/11/2022

II. **OBJETTIVI**

— l-iżvilupp tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-membri tiegħu fil-qafas tal-kooperazzjoni transfruntiera fit-territorju li fih jopera r-raggruppament (jiġifieri ż-żona amministrattiva tal-membri fundaturi u aderenti tar-raggruppament);

— il-ġestjoni strateġika tal-iżvilupp reġjonali tat-territorju kkonċernat;

— l-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn il-membri tiegħu, skont il-kompetenzi tagħhom, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

1. l-infrastruttura;
2. l-enerġija;
3. it-teknoloġija tal-informazzjoni;
4. l-iżvilupp reġjonali;
5. it-turiżmu;
6. l-edukazzjoni;
7. il-kultura u l-isport;
8. l-isfera soċjali u l-kura tas-saħħa;
9. l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;
10. il-ħarsien tal-ambjent u l-agrikoltura;
11. l-iżvilupp rurali;
12. il-ġestjoni tal-kriżijiet;
13. iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni;
14. il-kooperazzjoni transfruntiera;
15. it-trasport;
16. it-tisħiħ tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni teknoloġiċi.

III. **DETTALJI ADDIZZJONALI DWAR ISEM IR-RAGGRUPPAMENT**

Isem bl-Ingliż: EGTC Great Moravia with Limited Liability

IV. **MEMBRI**

IV. 1) **Numru totali ta' membri fir-raggruppament:** 2

IV. 2) **Nazzjonalità tal-membri tar-raggruppament:** mebru Ċek u mebru Slovakk

IV. 3) **Informazzjoni dwar il-membri**

Isem uffiċjali: Trnavský samosprávny kraj

Indirizz postali: Starohájska 10, 917 01 Trnava, SR

Indirizz elettroniku: www.trnava-vuc.sk

Tip ta' membru: Awtorità reġjonali

Isem uffiċjali: Jihomoravský kraj

Indirizz postali: Žerotínovo náměstí 449/3, 601 82 Brno, ČR

Indirizz elettroniku: www.jmk.cz

Tip ta' membru: Awtorità reġjonali